KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA - LAQGĦA NO. 27 TAL-
KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 27 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 9 ta' April 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 27**

27.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

27.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 26;

27.3 Punti mill-minuti;

27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.5 *Claims* ta' ħsarat;

27.6 Diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità, fosthom PA3389/09;

27.7 Riżorsi Umani –Applikazzjonijiet għall-ingaġġ.

27.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

27.9 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

27.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

27.11 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| Daryl Connor | *Kunsillier* | Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* |
| Joseph M. Attard | *Kunsillier* | Raymond Tabone | *Kunsillier* |
| Mary Borg | *Kunsilliera* | Clevion Micallef | *Kunsillier* |
| Anne Marie Fenech | *Kunsilliera* | | |

**27.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs u rringrazzja lill-membri kollha preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Is-Sindku informa li l-Kunsilliera Sandra Gauci, Alan Bugeja u Alex Agius talbu li jkunu skużati mill-laqgħa.

**27.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 26**

Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 26 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proponiment tal-Kunsilliera Mary Borg, issekondat mill-Kunsillier Raymond Tabone, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**27.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku informa lill-Kunsill fuq xi punti mill-minuti.

Xogħlijiet fi Triq Cassarino – Is-Sindku informa li x xogħlijiet għadhom għaddejjin. Għalkemm il-Kunsill għadu jistenna programm aktar dettaljat, mill-informazzjoni li għandna jidher li x xogħlijiet ser jaslu sal Knisja tal Qawra u jieqfu hemm. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' dan l-arranġament u ser isiru aktar diskussjonijiet.

**27.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

***Faċilitajiet Pubbliċi (latrina) fi Ġnien Cassarino*** – Is-Sindku informa li l-faċilitajiet pubbliċi (latrina) li hemm fi Ġnien Cassarino issa huma mqabbda mas-sistema tad-drenaġġ u qed jiffunzjonaw.

***Tellieqa tar-Roti*** **–** Is-Sindku informa li t-tellieqa tar-roti ser tgħaddi mill-bypass iżda mhux ser tgħaddi minn San Martin minħabba x-xogħlijiet infrastrutturali li qed isiru. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ma ġiex mitlub jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dawn ix-xogħlijiet; jidher li l-approvazzjoni kienet intalbet mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr u mhux minn San Pawl il-Baħar.

***Xogħlijiet fil-Pjazza*** – Is-Sindku informa li mhuwiex kuntent bid-dewmien tax-xogħlijiet u bil-makkinarju li qed jitħalla fuq il-post. Informa wkoll li, minkejja li ntalab il-programm tax-xogħlijiet, dan għadu ma ġiex provdut.

***Open Gym*** **–** Ingħataw struzzjonijiet sabiex jitneħħa dawk l-apparat li hu mkisser jew li jista jikkawżaw periklu.

***Twaqqigħ tal-premises tal-HSBC*** – Ġie spjegat li hemm permess biex isir it-tħaffir u jitwaqqaf hoarding, kif ukoll biex tinħoloq bankina temporanja. Il-permessi kollha meħtieġa ingħataw

mill-awtoritajiet kompetenti. Ix-xogħol ser jaffettwa Triq San Ġorġ minħabba l-bankina temporanja, li ser tnaqqas il-wisa' tat-triq.

Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma' min hu responsabbli mix-xogħlijiet sabiex isiru diskussjonijiet biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent.

***Proġett tal-ex-Mistra Village*** – Is-Sindku informa li attenda laqgħa flimkien mal-Kunsilliera Rachel Williams u mar-rappreżentanti tal-Building and Construction Authority u tal-Occupational Health and Safety Authority sabiex jiġi diskuss il-proġett tal-ex Mistra Village. Ġie indikat li ser jintbagħat il-programm tax-xogħol u l-proposta tagħhom lill-Kunsill sabiex tingħata informazzjoni lir-residenti u biex, kemm jista' jkun, jiġi evitat kull inkonvenjent li dawn ir-residenti ilhom isofru minħabba l-impatt tal-iżvilupp f'dan is-sit kbir.

***Sitwazzjoni fil-parti ta' fuq ta' Triq is-Simar, Xemxija*** – Ġie rrappurtat li hemm parti mit-triq li sfrondat u hemm riskju li tkompli tisfronda minħabba l-pedament. Is-Sindku mar fuq il-post diversi drabi u l-Kunsill qed jesigi li jkun infurmat bl-iżviluppi f'dan is-sit. Qed jittieħdu l-miżuri ta' prekawzjoni u l-awtoritajiet ikkonċernati huma infurmati. Minħabba l-ġeoloġija f'dawn l-inħawi, ix-xogħlijiet għandhom isiru mingħajr dewmien, wara li jsiru l-istudji neċessarji.

***L-Istatwa ta' Freddie Portelli*** – Is-Sindku informa li, sabiex terġa' tiġi sottomessa l-applikazzjoni, il-Perit tal-Kunsill bagħat stima ta' madwar tliet elef ewro għal applikazzjoni li kienet diġà ġiet approvata. Minħabba li, fil-fehma tal-Kunsill, ix-xogħol tad-disinn u l-inkartament kien diġà sar, din l-istima kienet meqjusa eċċessiva. Wara diskussjoni mal-membri, ġie deċiż li l-Kunsill jipprova jikkuntattja lill-awtorità sabiex jara x'jista' jsir.

**27.5 Claims ta' ħsarat**

Ġie kkonfermat mill-Kunsillier Darryl Connor, li huwa membru tas-Sottokumitat tal-Claims, li waqt il-laqgħa li saret bejn il-membri tas-sottokumitat ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni. Għaldaqstant, dawk il-claims li ġew approvati jistgħu jiġu pproċessati għall-ħlas.

**27.6 Diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp fil-lokalità, fosthom PA3389/09**

Is-Sindku informa li l-membri jiġu regolarment infurmati bl-istatus tal-applikazzjonijiet mill-Awtorità tal-Ippjanar u ħeġġeġ lill-membri sabiex isegwu u jżommu ruħhom aġġornati.

Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni l-applikazzjoni PA 3389/09, fejn f'dan il-każ il-Kunsill għandu biss ħmistax-il ġurnata sabiex jissottometti l-kummenti tiegħu. Il-proġett inkwistjoni jinsab fis-sit tax-Xemxija, wara l-fire station tas-Civil Protection Department, u l-applikazzjoni qed tipproponi il-bini ta' tnax-il villa. Is-Sindku kkonferma li l-applikazzjoni tmur lura għas-sena 2009.

Minħabba li l-art tinsab f'żona ODZ, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti oġġezzjoni formali. Il-membri qablu unanimament.

**27.7 Riżorsi Umani – Applikazzjonijiet għall-ingaġġ**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li, waqt li kien qed jaħdem fuq l-applikazzjonijiet għall-ingaġġ tal-ħaddiema mhux klerikali, iltaqa' ma' diffikultajiet relatati man-nomenklatura tal-pożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, huwa talab l-għajnuna tad-Diviżjoni.

Id-Diviżjoni indikat li hemm nuqqas ta' allinjament bejn il-lista tal-pożizzjonijiet u d-deskrizzjonijiet tax-xogħol (*job descriptions*), u ssuġġeriet li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa kemm interna kif ukoll esterna, konformi ma' dawn id-deskrizzjonijiet.

Sabiex issir rettifika tal-iżball li seħħ, il-proposta tal-Kunsill hija li tinħareġ sejħa għal Skala 17 sabiex tkun konformi mad-deskrizzjonijiet tax-xogħol rispettivi, kif ukoll li, kif xieraq, tinħareġ sejħa għas-superjur tagħhom. Dan sabiex il-Kunsill ikun kompletament konformi mar-rekwiżiti u l-istrutturi meħtieġa.

Wara li jsir dan l-allinjament, ikun hemm il-possibbiltà li tinħareġ sejħa esterna għal aktar impjiegi. Il-membri qablu unanimament li din il-proċedura għandha titwettaq.

**27.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Mistoqsijiet mill-Kunsillier Raymond Tabone u mill-Kunsillier Joseph Matthew Attard – Is-Sindku informa li waslu numru ta' mistoqsijiet mill-Kunsillier Raymond Tabone kif ukoll mill-Kunsillier Joseph Matthew Attard. Is-Sindku qara d-domandi u ta l-kjarifiki meħtieġa kif ġej:

***Kuntrattur għat-tiswija tat-toroq*** – il- Kunsillier Raymond Tabone staqsa dwar il-kuntrattur responsabbli għat-tiswija tal-ħsarat fit-toroq, is-Sindku spjega li l-Kunsill ilu diversi snin mingħajr kuntrattur attiv, peress li l-kuntrattur preċedenti li kien rebaħ it-tender ma baqax jingħata xogħol. Sussegwentement, inħareġ tender iżda dan ma ġiex aġġudikat.

Fis-sena 2025 inħareġ tender ġdid u waslet applikazzjoni waħda biss; sal-lum dan għadu ma ġiex aġġudikat. Kien hemm ħafna dewmien, peress li wara ħafna xhur ta' stennija ċ-chairman tal-Evaluation Committee ikkomunika li ma xtaqx jibqa' inkarigat minn din il-materja. Peress li kien hemm biss applikant wieħed, is-Sindku talab lill-Kunsill jagħtih l-awtorizzazzjoni, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, sabiex jikkuntattjaw lill-kuntrattur u jivverifikaw jekk għadux interessat li jonora dak li sottometta fit-tender, sabiex ikun jista' jsir il-kuntratt meħtieġ.

Il-membri qablu unanimament. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv talab u kiseb ukoll ir-rati ta' ħlas għax-xogħlijiet tat-toroq minn Infrastructure Malta, li ser iservu bħala bażi għal kull diskussjoni.

Is-Sindku spjega, kif għamel bosta drabi qabel, li għalkemm il-Kunsill Lokali qed iwettaq xogħol regolari ta' tiswija ta' ħofor fit-toroq (mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali), bl-użu ta' cold asphalt, dan għandu diversi limitazzjonijiet, fosthom il-kundizzjonijiet tat-temp u t-temperatura, fejn temp aktar kiesaħ jagħmilha diffiċli ħafna biex wieħed jaħdem bih. Fil-lokalità u f'postijiet oħra wieħed ma jistax ma jinnutax li aġenziji bħall-Water Services Corporation, meta jaqtgħu l-wiċċ tat-triq biex jinstallaw konnessjonijiet ġodda tad-djar, mhux dejjem iwettqu x-xogħlijiet skont l-istandards meħtieġa.

B'konsegwenza ta' dan, ħafna mill-konnessjonijiet tad-djar qed ikunu s-sors ewlieni tad-deterjorazzjoni tat-toroq, tant li xi sezzjonijiet tat-toroq ma jistgħux jiġu msewwija iżda jeħtieġ li jinbnew mill-ġdid (eżempju wieħed huwa Triq il-Ħalel).

Il-Kunsillier Raymond Tabone u l-Viċi Sindku Chris Vella Petroni staqsew jistax jikkunsidra li Triq il-Ħalel (u parti mit-triq li twassal lejn il-pjazza ta' Buġibba minn fejn jinsab il-court tal-volleyball) tinbena mill-ġdid bħala parti mill-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza.

***Użu tal-karozza tal-Kunsill għas-servizzi lir-residenti*** – il- Kunsillier Raymond Tabone staqsa jekk il-karozza tal-Kunsill tistax tintuża biex jingħata servizz lir-residenti. Ġie spjegat li dan is-servizz diġà jingħata mill-Gvern u li l-Kunsill m'għandux biżżejjed ħaddiema, riżorsi u/jew xufiera biex jagħti dan is-servizz b'mod sostenibbli. Madankollu, ser jiġu stabbiliti strutturi sabiex il-karozza tintuża bl-aktar mod effiċjenti.

Il-Kunsillier Tabone semma wkoll jekk il-Kunsill għandux jikkunsidra li jinbiegħu l-isweepers. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li, mill-informazzjoni li għandu, għalkemm saru tentattivi biex jerġgħu jinbiegħu lil aġent, dan ma weriex interess.

***Mistoqsija dwar toroq u bankini*** – il- Kunsillier Raymond Tabone staqsa fuq toroq u bankini ġodda. Is-Sindku kkonferma li ma sarux toroq u bankini ġodda, iffinanzjati direttament mill-

fond tal-Kunsill. Il-bankini tul Triq il-Karmnu u Triq San Ġwann il-Battista saru fl-2026 bħala parti minn ftehim li ġie ffirmat mad- Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex isiru numru ta' bankini.

Is-Sindku rrimarka wkoll li l-budget tal-infrastruttura għal din is-sena kien ta' €100,000, u li dan jista' potenzjalment jittieħed (minkejja reżistenza qawwija mill-Kunsill) minn Infrastructure Malta, li bagħtet fattura lill-Kunsill għal żewġ meded żgħar fi Triq Bordino u fil-viċinanza bejn Triq l-Ibra u Triq il-Ġifen, ta' aktar minn €90,000.

***Bandli ħdejn l-iskola primarja Kulleġġ Maria Regina, Triq l-Iskola*** – Mistoqsi jekk għadux hemm periklu fil-bandli ħdejn l-iskola, is-Sindku spjega li x-xogħlijiet meħtieġa ser isiru u li ser tintalab l-approvazzjoni tal-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) f'dan ir-rigward. Saru tiswijiet fit-tagħmir u ser isiru dawk relatati mal-art. Issemma wkoll li qed iseħħu atti ta' vandaliżmu li qed iwasslu għal spejjeż konsiderevoli..

***Pedestrian crossing Triq Dawret il-Gżejjer*** – Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard staqsa dwar il-pedestrian crossing tal-front, Triq Dawret il-Gżejjer. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill għandu l-approvazzjoni għal tliet pedestrian crossings. L-istima tax-xogħol għal kull waħda taqbeż l-għoxrin elf ewro, u ntalbu stimi aġġornati.

Il- Kunsilliera Anne Fenech telqet mil-laqgħa fis-sebgħa nieqes kwart.

**27.9 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Ma kien hemm l-ebda punt għad-diskussjoni..

**27.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ressaq l-Iskeda ta' Pagamenti għall-approvazzjoni. Din ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera Rachel Williams u ssekondata mill-Viċi Sindku Chris Vella Petroni, bi qbil unanimu.

**27.11 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:00. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2026 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

______________________ ______________________

**Aġent Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**Bjorn Bonello** **Ċensu Galea**